MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru 268/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**vs**

**Alan Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alan Micallef ta' 25 sena, iben Emanuel u Mary xebba' Vella, imwieled Pieta' nhar it-03 ta' Lulju 1982 u residenti f' numru 14, Bieb nru 1, Sqaq il-Bicciera, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 0364582(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-28 t' Ottubru, 2007 ghall-habta tas-02.15 A.M. gewwa Sqaq il-Bicciera, Birkirkara u f' inhawi ohra f' dawn il-Gzejjer Maltin ghamel hsara volontarja f' vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAR 776 tal-marka Subaru, liema hsara hija aktar minn €116.47 (Lm50) izda inqas minn €1164.69 (LM500) ghad-detriment ta' Raymond Vella li ghandu numru tal-identita' 0493862(M) u ghal terzi persuni ohra.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Raymond Vella, u torbot l-imputat Alan Micallef, b' dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Marzu 2008 (esebit *a folio 5* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda hsara volontarja allegatament kawzata f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAR 776 propjeta' ta' Raymond Vella. Dan tal-ahhar ghamel rapport lil Pulizija li fit-28 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tas-2.15am waqt li l-vettura tieghu kienet parkeggjata fi Sqaq il-Bicciera, B'Kara sarilha grif estensiv u gew mifqughin zewg tyres. Meta huwa ghamel ir-rapport il-kwerelant indika bhala persuna suspettata lill-imputat li huwa in-neputi tieghu kif ukoll gar tieghu u li mieghu kellu kwistjoni ta' natura civili pendenti. Fir-rapport (esebit a fol. 21 u 22 tal-process) il-kwerelant indika li ghall-habta tas-2.15am

huwa kien hareg ipejjep sigarett fit-tieqa li taghti ghal fuq l-isqaq u kien ra lill-imputat ghaddej minn hdejn il-vettura tieghu u ghalkemm ma kienx rah jaghmel il-hsara kien qed jissuspetta fih.

Il-kwerelant li xehed f'dawn il-proceduri f'zewg okkazzjonijiet (fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2008 u sussegwentement fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2009) l-ewwel qal li fil-lejl in kwistjoni kien qam ghall-habta tas-2.15am ghaliex bdiet tinbah il-kelba u ghalhekk haseb li kienu habtulu l-bieb u ma semghax il-qanpiena ddoqq u meta fetah it-tieqa sabiex jittawwal ghal barra ra lill-imputat baxxut hdejn it-tyre ta' wara tal-vettura tieghu u malli dan tal-ahhar rah jiftah it-tieqa l-oggett li kellu f'idejh waqalu mal-art u huwa gabru u telaq l'hemm u dahal f'daru. Il-kwerelant qal li l-ghada filghodu huwa sab zewg tyres b'daqqa ta' mus fuqhom u diversi grif mal-vann. Meta xehed fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2009 il-kwerelant biddel il-verzjoni u l-ewwel rega' qal li kien mar jittawwal mit-tieqa ghaliex sema' l-kelba tinbah u haseb li seta' gie ihabbatlu xi hadd izda mbaghad qal illi kien qam ipejjep meta ittawwal mit-tieqa u ra lill-imputat baxxut hdejn il-vettura tieghu u malli dan rah qam u beda' jhabbat mal-bieba tal-vann. Huwa qal li ma ralu xejn f'idu lill-imputat u haseb li kien waqalu xi haga ma' l-art.

L-imputat kemm meta irrilaxxja l-istqarrija esebita a fol. 17 u 18 tal-process kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2009 dejjem ta l-istess verzjoni tal-fatti u cioe' filwaqt li kkonferma li huwa kien gar tal-kwerelant u li kellhom kwistjoni bejniethom ta' natura civili rigwardanti l-arja tal-propjeta' fejn kien jghix l-imputat u li fil-lejl in kwistjoni huwa kien dahal id-dar ghall-habta tas-2.00am akkompanjat minn martu u bintu ta' sentejn, huwa cahad li b'xi mod kien ghamel hsara fil-vann propjeta' tal-kwerelant. Huwa qal li sabiex jidhol gewwa daru bilfors li kellu jghaddi minn hdejn il-vann tal-kwerelant liema vann kien parkeggjat fis-sqaq wiesgha sitt piedi u dan ghalkemm ma kienx permess li wiehed jipparkeggja fl-isqaq.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar dak li kien gara u ghalhekk hija kwistjoni purament ta' kredibilta'. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza li l-kwerelant xehed b'mod nebuluz ghall-ahhar. A tempo vergine, u cioe' meta ghamel ir-rapport, il-kwerelant kien indika li kien hareg fit-tieqa ipejjep sigarett ghall-habta tas-2.15am u kien ra lill-imputat ghaddej minn hdejn il-vann tieghu u ghalkemm ma' kien rah jaghmel ebda hsara kien issuspetta fih. Meta xehed f'dawn il-proceduri il-kwerelant l-ewwel sostna li kien hareg jittawwal mit-tieqa ghaliex kien sema' il-kelba tinbah u ghalhekk haseb li seta' gie xi hadd u meta ittawwal mit-tieqa ra lill-imputat baxxut hdejn it-tyre tal-vann tieghu izda sussegwentement biddel il-verzjoni u qal li kien hareg ipejjep sigarett u ra lill-imputat baxxut hdejn il-vann tieghu u rah ihabbat fuq il-bieba tal-istess vann. Il-Qorti setghat anki tinnota l-atteggjament fuq il-pedana tal-kwerelant waqt li huwa kien qed jixhed u jidrilha li x-xhieda tieghu m'hijiex kredibbli u ma tistghax titwemmen. Irid inoltre jigi rilevat li il-kwerelant fl-ebda stadju ma qal car u tond li ra lill-imputat jaghmel il-hsara fil-vann tieghu. Irid jigi rilevat ukoll li ghalkemm il-kwerelant qed isostni li sab zewg tyres mifqughin huwa ma' gab ebda prova li kienet saret din il-hsara ghaliex meta huwa ha l-vettura ghand is-surveyor huwa sostna li kien diga' effetwa it-tiswija fit-tyres izda nonostante cio' huwa naqas milli jipproduci l-ircevuta relattiva izda esebixxa biss survey report li jindika l-grif li kien hemm fuq il-vann u l-prezz tat-tyres.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li jezisti kunflitt ta' provi liema kunflitt ghandu jimmilita favur l-imputat u li ghalhekk ghandu jitqies li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------